MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

6 ta' Diċembru 2018

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL- KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li:

# NG Racing ta' Ħaż-Żebbuġ

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal- Konsumaturi.

Il-konsumatriċi kienet xtrat minn dan il-ħanut mini-moto li qatt ma ħadem u kellu jissewwa diversi drabi. Ir-rappreżentant tal-ħanut, fir-risposta tiegħu, saħaq li kien tort tal-konsumatriċi għax it-tifel ġera ħafna bil-mini moto u għamillu l-ħsara.

It-Tribunal ikkonkluda li l-problemi bil-prodott bdew mill-ewwel, malli nxtara, u jidher li ma tgawdiex peress li kien dejjem bil-ħsarat. Il-ħanut ġie ordnat iħallas lill-konsumatriċi €350, u l-mini-moto għandu jsir proprjetà tal-ħanut malli jsir il-ħlas.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)